



Kunsill Ewropew

Brussell, 26 ta' Ġunju 2015
(OR. en)

EUCO 22/15

CO EUR 8
CONCL 3

NOTA TA' TRASMISSJONI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Laqgħa tal-Kunsill Ewropew (25 u 26 ta' Ġunju 2015) – Konklużjonijiet

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż il-konklużjonijiet adottati mill-Kunsill Ewropew fil-laqgħa msemmija hawn fuq.

I. MIGRAZZJONI

1. L-Ewropa teħtieġ approach bilanċjat u ġeografikament komprensiv lejn il-migrazzjoni, ibbażat fuq is-solidarjetà u r-responsabbiltà. Wara d-deċiżjonijiet li ttieħdu mill-Kunsill Ewropew f'April li għadda, ittieħdu miżuri konkreti biex jiġi evitat it-telf ta' aktar ħajjiet fuq il-baħar, biex jinstabu modi ġodda kif jiġu affrontati l-faċilitaturi tad-dħul klandestin u biex tiġi intensifikata l-kooperazzjoni mal-pajjiżi ta' oriġini u ta' transitu, filwaqt li jiġi rrispettat id-dritt li jintalab l-asil. It-tneċċja tal-missjoni EUNAVFOR MED, li ġiet deċiża mill-Kunsill fit-22 ta' Ġunju, hi kontribut importanti f'dan ir-rigward. Azzjoni operazzjonali li tittratta t-traffikanti u l-faċilitaturi ta' dħul klandestin skont id-dritt internazzjonali hija parti essenzjali mill-approċċ komprensiv tagħna.
2. B'segwitu għall-Aġenda Ewropea dwar il-Migrazzjoni ppreżentata mill-Kummissjoni, għandha tiġi avvanzata l-ħidma f'kull dimensjoni ta' approach komprensiv u sistemiku.
3. Jinħtieġu sforzi aktar estensivi, inkluż it-tiżiż tal-ġestjoni tal-fruntieri esterni tal-Unjoni, biex jitrażżnu aħjar il-flussi dejjem akbar ta' migrazzjoni illegali. Illum, il-Kunsill Ewropew iffoka fuq tliet dimensjonijiet ewlenin li għandhom javvanzaw b'mod parallel: ir-rilokazzjoni/risistemazzjoni, ir-ritorn/riammissjoni/riintegrazzjoni u l-kooperazzjoni ma' pajjiżi ta' oriġini u ta' transitu. Il-Kunsill ser jivvaluta regolarment il-progress li jsir f'kull waħda mit-tliet taqsimiet u jirrapporta iktar tard fis-sena.

Rilokazzjoni/risistemazzjoni

4. Fid-dawl tas-sitwazzjoni ta' emerġenza attwali u tal-impenn tagħna li nsaħħu s-solidarjetà u r-responsabbiltà, u f'konformità mad-deċizzjoni li ħa f'April fl-aspetti kollha tagħha, inkluż il-paragrafu 3, il-Kunsill Ewropew qabel dwar dawn il-miżuri interkonnessi li ġejjin biex jgħinu lil 60 000 persuna:
- a) ir-rilokazzjoni temporanja u eċċezzjonali fuq perijodu ta' sentejn mill-Istati Membri l-aktar esposti l-Italja u l-Greċja lejn Stati Membri oħra ta' 40 000 persuna li jkun jidher ċar li jeħtieġu protezzjoni internazzjonali, li fiha ser jipparteċipaw l-Istati Membri¹ kollha;
 - b) l-adozzjoni mingħajr dewmien mill-Kunsill ta' Deċizzjoni għal dan il-għan; għaldaqstant, sal-aħħar ta' Lulju ser jintlaħaq qbil b'konsens bejn l-Istati Membri kollha¹ dwar id-distribuzzjoni ta' dawn il-persuni, li tirrifletti s-sitwazzjonijiet speċifiċi tal-Istati Membri;
 - c) l-istabbiliment ta' faċilitajiet tal-akkoljenza u tal-ewwel akkoljenza fl-Istati Membri l-aktar esposti, bl-appoġġ attiv ta' esperti mill-Istati Membri u tal-EASO, il-Frontex u l-Europol biex jiżguraw l-identifikazzjoni, ir-reġistrazzjoni u t-teħid tal-marki tas-swaba' tal-migranti mingħajr dewmien ("hotspots"). Dan ser jippermetti li jiġi ddeterminat min jeħtieġ protezzjoni internazzjonali u min le. Il-Kummissjoni ser tfassal, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri ospitanti, pjan direzzjonali sa Lulju 2015 dwar l-aspetti legali, finanzjarji u operazzjonali ta' dawn il-faċilitajiet;
 - d) il-provvista immedjata ta' assistenza finanzjarja mtejba lill-Istati Membri l-aktar esposti li tgħin biex jonqos il-piż tal-ispejjeż marbutin mar-riċeviment u l-ipproċessar ta' applikazzjonijiet għal protezzjoni internazzjonali;
 - e) il-ftehim li l-Istati Membri kollha ser jipparteċipaw, inkluż permezz ta' skemi multilaterali u nazzjonali, fir-risistemazzjoni ta' 20 000 persuna spustata u li jidher ċar li jeħtieġu protezzjoni internazzjonali, li tirrifletti s-sitwazzjonijiet speċifiċi tal-Istati Membri.

¹ Mingħajr preġudizzju għas-sitwazzjoni speċifika tar-Renju Unit, l-Irlanda u d-Danimarka skont il-Protokoll 21 u 22 tat-Trattati. Ir-Renju Unit mhux ser jipparteċipa.

Ritorn/riammissjoni/riintegrazzjoni

5. Politiki effettivi ta' ritorn, riammissjoni u riintegrazzjoni għal min ma jikkwalifikax għal protezzjoni huma parti essenzjali mill-ġlieda kontra l-migrazzjoni illegali u ser jgħinu biex jiskuraġġixxu lin-nies milli jissugraw ħajjithom. Ser tiġi mobilizzata kull għodda għall-promozzjoni tar-riammissjoni tal-migranti irregolari fil-pajjiżi ta' oriġini u ta' transitu, abbażi tal-ideat ippreżentati mill-Kummissjoni fil-Kunsill tas-16 ta' Ġunju². B'mod partikolari:
- a) djalogi ta' livell għoli mal-pajjiżi ewlenin ta' oriġini ta' migranti irregolari għandhom jinbdew malajr kemm jista' jkun mir-Rappreżentant Għoli, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri. Il-Kunsill, flimkien mal-Kummissjoni, ser iħejji pakkett globali biex jappoġġa n-negozjati mal-pajjiżi terzi kkonċernati;
 - b) il-Kummissjoni ser tiżgura li l-obbligi ta' riammissjoni jiġu implimentati b'mod effettiv mill-aktar fis possibbli, b'mod partikolari dawk skont il-Ftehim ta' Cotonou, u li n-negozjati dwar il-ftehimiet ta' riammissjoni li għaddejjin bħalissa jiġu aċċellerati u konklużi kemm jista' jkun malajr, filwaqt li ser jibdwu negozjati ġodda ma' pajjiżi terzi oħrajn;
 - c) abbażi tal-prinċipju "aktar għal aktar", l-assistenza u l-politiki tal-UE ser jintużaw biex jinħolqu inċentivi għall-implimentazzjoni tal-ftehimiet ta' riammissjoni eżistenti u jiġu konklużi ftehimiet ġodda. L-impenji li jinsabu fil-ftehimiet kummerċjali rigward il-preżenza temporanja ta' persuni biex jipprovdu servizzi għandhom jintużaw bħala inċentiv għall-konklużjoni ta' ftehimiet ta' riammissjoni; l-għodod tal-politika għall-iżvilupp għandhom isaħħu l-bini tal-kapaċitajiet lokali, inkluż għall-kontroll fuq il-fruntieri, l-asil, il-ġlieda kontra l-faċilitazzjoni tad-dħul klandestin u r-riintegrazzjoni;
 - d) l-Istati Membri ser jimplimentaw b'mod sħiħ id-Direttiva dwar ir-Ritorn, filwaqt li jagħmlu użu sħiħ mill-miżuri kollha li ttipprovdi bil-għan li jiżguraw ir-ritorn rapidu tal-migranti irregolari; id-deċiżjonijiet ta' ritorn maħruġin mill-Istati Membri ser jiġu introdotti fis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen;

² Dok. 10170/15.

- e) sa Lulju 2015, il-Kummissjoni ser tistabbilixxi l-mod kif il-Frontex ser tipprovdi appoġġ immedjat lill-Istati l-aktar esposti, b'rabta mar-ritorn. Il-Kummissjoni ħabbret li biħsiebha tipproponi li r-Regolament dwar il-Frontex jiġi emendat biex jissaħħa ir-rwol tal-Frontex, b'mod partikolari sabiex din tkun tista' tniedi missjonijiet ta' ritorn;
- f) sabiex jitħaffef it-trattament ta' applikazzjonijiet għall-asil, sa Lulju 2015, il-Kummissjoni ser tistabbilixxi l-miżuri li għandhom jittieħdu biex isir użu mill-EASO biex tiġi kkoordinata l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet dwar il-"pajjiż ta' oriġini bla periklu" fid-Direttiva dwar il-Proċeduri tal-Asil. Il-Kummissjoni indikat li biħsiebha ssaħħa id-dispożizzjonijiet dwar il-"pajjiż ta' oriġini bla periklu" fid-Direttiva dwar il-Proċeduri tal-Asil, inkluż il-possibbiltà li tiġi stabbilita lista komuni tal-UE ta' pajjiżi ta' oriġini bla periklu;
- g) ser isiru disponibbli mingħajr dewmien mezz adatti b'appoġġ għal politika effettiva ta' ritorn; barra minn hekk, il-Kummissjoni hi mistiedna tfassal proposti f'dan ir-rigward fil-kuntest tal-baġit tal-UE għall-2016, u twaqqaf Programm ta' Ritorn Ewropew għal dan il-għan.

Kooperazzjoni ma' pajjiżi ta' oriġini u ta' transitu

- 6. Huwa kruċjali li nsaħħu l-kooperazzjoni ġenerali tagħna mal-pajjiżi ta' oriġini u ta' transitu, kemm biex jittrażnu l-flussi ta' migranti irregolari kif ukoll biex jiġu ttrattati l-kawżi fl-oriġini tal-migrazzjoni sabiex jonqsu l-inċentivi għall-migrazzjoni illegali u biex jiġu miġġielda n-netwerks involuti fil-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin. L-għajnuna għall-iżvilupp ser ikollha rwol importanti f'dan ir-rigward.

7. Sħubija ġenwina bejn pajjiżi Ewropej u Afrikani, li jaħdmu flimkien biex jittrattaw il-migrazzjoni illegali b'mod integrat, hija essenzjali. Flimkien mas-sħab Afrikani, is-Summit tal-Belt Valletta ser ikollha l-għan li tikseb, b'mod partikolari:
- a) assistenza għall-pajjiżi sħab fil-ġlieda tagħhom kontra l-faċilitaturi tad-dħul klandestin;
 - b) kooperazzjoni msaħħa dwar politika effettiva ta' ritorn;
 - c) orjentazzjoni aħjar tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp u titjib fl-investimenti fl-Afrika biex jiġu indirizzati l-kawżi fl-orijini tal-migrazzjoni, kif ukoll biex jingħataw opportunitajiet ekonomiċi u soċjali.

Il-Kunsill ser iħejji proposti għal oqsma ta' kooperazzjoni mal-pajjiżi ta' orijini u ta' transitu għas-Summit tal-Belt Valletta.

8. L-UE ser issaħħa ukoll il-kooperazzjoni tagħha mat-Turkija u l-pajjiżi rilevanti fil-Lvant Nofsani (b'mod partikolari l-Iraq, il-Ġordan u l-Libanu).
9. Ser tiġi organizzata konferenza ta' livell għoli sabiex jiġu indirizzati l-isfidi tar-rotta tal-Balkani tal-Punent.

II. SIGURTÀ U DIFIŻA

10. L-ambjent tas-sigurtà tal-Ewropa nbidel b'mod drammatiku. Dan jeħtieġ azzjoni fi tliet oqsma interkonnessi:
- a) b'segwitu għall-"Aġenda Ewropea dwar is-Sigurtà" mħejjija mill-Kummissjoni u l-Konklużjonijiet tal-Kunsill tas-16 ta' Ġunju 2015, ser tiġi avvanzata l-ħidma fuq l-Istrateġija ta' Sigurtà Interna mġedda għall-Unjoni Ewropea; l-implimentazzjoni sħiħa tal-orjentazzjonijiet dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu maqbula fil-laqgħa ta' Frar 2015 tibqa' prijorità;
 - b) ir-Rappreżentant Għoli ser tkompli bil-proċess ta' riflessjoni strateġika bil-għan tat-tħejjija ta' strateġija globali tal-UE dwar il-politika barranija u ta' sigurtà f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri, li għandha tiġi ppreżentata lill-Kunsill Ewropew sa Ġunju 2016;

- c) f'konformità mal-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Diċembru 2013 u l-Konklużjonijiet tal-Kunsill tat-18 ta' Mejju 2015, ser titkompla l-ħidma fuq PSDK aktar effettiva, viżibbli u orjentata lejn ir-riżultati, l-iżvilupp ulterjuri tal-kapaċitajiet kemm ċivili kif ukoll militari u t-tisħiħ tal-industrija tad-difiża Ewropea, inklużi l-SMEs. Il-Kunsill Ewropew ifakkar fil-ħtieġa li:
- l-Istati Membri jallokaw livell suffiċjenti ta' nfiq għad-difiża u l-ħtieġa li jagħmlu l-aktar użu effettiv mir-riżorsi;
 - il-baġit tal-UE jiżgura finanzjament xieraq għall-azzjoni preparatorja dwar riċerka relatata mal-PSDK, li twitti t-triq għall-possibbiltà fil-ġejjieni ta' programm ta' riċerka u teknoloġija fil-qasam tad-difiża;
 - titrawwem kooperazzjoni Ewropea akbar u aktar sistematika fil-qasam tad-difiża bil-għan li jiġu pprovduti kapaċitajiet essenzjali, inkluż permezz tal-fondi tal-UE;
 - jiġu mobilizzati strumenti tal-UE li jgħinu fil-ġlieda kontra theddid ibridu;
 - jiġu intensifikati s-sħubiji, b'mod partikolari man-NU, in-NATO, l-OSKE u l-UA;
 - tingħata setgħa u faċilità lis-sħab biex jipprevjenu u jimmaniġġjaw il-kriżijiet, inkluż permezz ta' proġetti konkreti ta' tisħiħ ta' kapaċitajiet b'ambitu ġeografiku flessibbli.

Il-Kunsill Ewropew ser iżomm il-politika ta' sigurtà u difiża fuq l-aġenda tiegħu regolarment.

III. IMPJIEGI, TKABBIR U KOMPETITTIVITÀ

11. Il-Kunsill Ewropew ikkonkluda s-Semestru Ewropew 2015 billi b'mod ġenerali approva r-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiż u b'appell għall-implimentazzjoni tagħhom. Il-Kunsill Ewropew laqa' l-ftehim li ntlaħaq dwar il-Fond Ewropew għal Investimenti Strateġiċi (EFSI) u appella għall-implimentazzjoni rapida tiegħu.
12. It-teknoloġiji diġitali jgħibu opportunitajiet enormi għall-innovazzjoni, it-tkabbir u l-impjiegi. Sabiex nibbenefikaw b'mod sħiħ minn din ir-rivoluzzjoni teknoloġika, jeħtieġ li nindirizzaw il-frammentazzjoni tas-suq, niżguraw regolament li jibqa' validu fil-futur, nibnu infrastruttura ta' appoġġ, ngħinu d-diġitalizzazzjoni tal-industrija, noħolqu kundizzjonijiet li jiffaċilitaw it-tkabbir fis-setturi kollha u nipproteġu liċ-ċittadini tagħna. Is-Suq Uniku Diġitali għandu jintuża bħala strument għal tkabbir inklużiv fir-reġjuni kollha fi ħdan l-UE. Filwaqt li enfasizza l-importanza ta' kull dimensjoni tal-istrateġija tal-Kummissjoni u li tinkiseb riforma ambizzjuża tal-qafas tat-telekomunikazzjoni, inkluż koordinazzjoni aktar effettiva tal-ispettru filwaqt li jiġi rrispettati l-kompetenzi nazzjonali, il-Kunsill Ewropew qabel li:
 - a) jinħtieġ li r-Regolament dwar is-Suq Uniku fit-Telekomunikazzjoni, inkluż ir-roaming, u d-Direttiva dwar is-Sigurtà tan-Netwerks u tal-Informazzjoni jiġi adottati mingħajr dewmien; jinħtieġ li l-Pakkett dwar il-Protezzjoni tad-Data jiġi adottat sal-aħħar ta' din is-sena;
 - b) jinħtieġ tittieħed azzjoni b'rabta mal-komponenti ewlenin tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni, b'mod partikolari biex:
 - jitneħħew l-ostakoli li għad fadal għaċ-ċirkolazzjoni libera tal-oġġetti u s-servizzi li jinbiegħu online u tiġi indirizzata d-diskriminazzjoni mhux ġustifikata abbażi tal-post ġeografiku;
 - tiġi ggarantita l-portabbiltà ta' u jiġi ffaċilitat l-aċċess transfruntier għal materjal online li jkun protett bid-dritt tal-awtur, filwaqt li jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tad-drittijiet tal-proprjetà intellettuali u filwaqt li titqies id-diversità kulturali, u li tingħata għajjnuna lill-industriji kreattivi biex jirnexxu f'kuntest diġitali;

- jiġi żgurati strumenti ta' investiment effettivi u tittejjeb il-klima tal-innovazzjoni, bl-SMEs u n-negozji l-ġodda, b'mod partikolari, fil-mira;
- jiġi identifikati u jinkisbu b'mod rapidu l-prijoritajiet ewlenin tal-istandardizzazzjoni fil-qasam tal-ICT;
- jiġi żgurat il-fluss ħieles ta' data;
- jiġi vvalutat ir-rwol tal-pjattaformi u l-intermedjarji online;
- jittejbu l-ħiliet diġitali;
- jiġi inkoraġġut gvern elettroniku.

13. Il-Kunsill Ewropew ħa nota tar-rapport dwar l-Unjoni Ekonomika u Monetarja mitlub mill-Kunsill Ewropew ta' Diċembru 2014 u talab lill-Kunsill biex jeżaminah mingħajr dewmien.

IV. UK

14. Il-Prim Ministru tar-Renju Unit ippreżenta l-pjanijiet tiegħu għal referendum (ġewwa jew barra) fir-Renju Unit. Il-Kunsill Ewropew qabel li jerġa' lura għal din il-kwistjoni f'Diċembru.

*
* *

* * *

Il-Kunsill Ewropew esprima l-gratitudni tiegħu lejn Jacques Delors, eks President tal-Kummissjoni Ewropea, għall-kontribut notevoli tiegħu għall-iżvilupp tal-proġett Ewropew u ddeċieda li jikkonferixxilu t-titlu ta' "Ċittadin Onorarju tal-Ewropa".